Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2024/2051(INI)

24.3.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar baġit imġedded fit-tul għall-Unjoni f'dinja li qed tinbidel
(2024/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Dirk Gotink

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proċedura ta' kwittanza u s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapporti annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-baġit tal-Unjoni***, imsaħħaħ min-Next Generation EU,*** kien strumentali biex itaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 u biex jirreaġixxi għall-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-baġit tal-Unjoni għadu mhux mgħammar biżżejjed, f'termini ta' ***daqs,*** struttura u regoli, biex jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu fl-aġġustament għall-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu, fl-indirizzar tax-xokkijiet u fir-rispons għall-kriżijiet u fl-għoti ta' effett prattiku lill-prinċipju tas-solidarjetà;	E. billi l-baġit tal-Unjoni kien strumentali biex itaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 u biex jirreaġixxi għall-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-baġit tal-Unjoni għadu mhux mgħammar biżżejjed, f'termini ta' struttura u regoli, biex jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu fl-aġġustament għall-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu, fl-indirizzar tax-xokkijiet u fir-rispons għall-kriżijiet u fl-għoti ta' effett prattiku lill-prinċipju tas-solidarjetà;

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	Ha. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-rapport tagħha tal-2024[1a], ikkonkludiet li r-rata ta' żball fl-infiq tal-UE żdiedet għal 5,6 % tal-baġit ġenerali u wissiet li ż-żieda fid-dejn Ewropew qed tpoġġi pressjoni dejjem akbar fuq il-baġit tal-UE;
	[1a] Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Ir-Rapporti Annwali tal-2023".

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-QFP ta' wara l-2027 irid isir ukoll aktar sempliċi u aktar trasparenti u jkun protett kontra l-użu ħażin, il-frodi u ***l-ksur*** tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u ***l-valuri*** tal-Unjoni;	3. Jenfasizza li l-QFP ta' wara l-2027 irid isir ukoll aktar sempliċi u aktar ***demokratiku, aċċessibbli u*** trasparenti***, itejjeb l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont billi jissimplifika u jħaffef il-proċeduri,*** u jkun protett ***aħjar*** kontra ***l-korruzzjoni,*** l-użu ħażin, il-frodi u ***l-kunflitt ta' interess, u jippermetti azzjoni immedjata f'każ ta' f'każ ta' ksur*** tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u ***valuri fundamentali oħra tal-Unjoni; jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li s-simplifikazzjoni m'għandhiex taffettwa t-trasparenza u għandha primarjament tkun ta' benefiċċju għall-benefiċjarji finali u tagħmel il-proċeduri ta' applikazzjoni aktar aċċessibbli;***

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq fuq l-importanza tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi fil-

kuntest tal-QFP ta' wara l-2027 u fuq ir-rwol kruċjali li għandhom l-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)); jappella għal biżżejjed finanzjament lil dawn il-korpi u jħeġġiġhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari f'termini ta' skambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali/frodulenti fir-rigward tal-fondi tal-UE u l-għoti ta' aċċess għad-data ta' xulxin; ifakkar fl-importanza tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni msaħħa mas-sistemi ġudizzjarji u tal-pulizija tal-Istati Membri sabiex jiġu miġġielda l-frodi, l-abbuż u l-kriminalità organizzata b'mod aktar effettiv; jinsisti li l-parteċipazzjoni fl-UPPE trid tkun obbligatorja għall-Istati Membri li jirċievu fondi tal-UE taħt il-QFP ta' wara l-2027, sakemm l-Istat Membru ma jkollux nonparteċipazzjoni kostituzzjonali; jitlob li jiġu esplorati sinerġiji fl-arkitettura tal-Unjoni kontra l-frodi u l-konsolidazzjoni possibbli tagħha; jenfasizza li l-arkitettura attwali kontra l-frodi qed tiffaċċja sfidi bħall-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' qafas ta' governanza integrat, kompetenzi li jikkoinċidu, riżorsi insuffiċjenti u data mhux affidabbli, li jistgħu jwasslu għas-sottovalutazzjoni tal-frodi kontra l-finanzi tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni (i) toħloq qafas ta' governanza komuni biex tikkoordina l-atturi kollha kontra l-frodi, (ii) timplimenta sistema ta' rapportar unifikata biex tikkonsolida l-informazzjoni disponibbli, (iii) tippromwovi użu akbar ta' għodod diġitali biex ittejjeb il-ġbir, l-iskambju u l-analiżi tad-data, u (iv) issaħħaħ ir-riżorsi finanzjarji u umani biex tiżgura l-effettività tal-istituzzjonijiet kontra l-frodi;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li QFP aktar sempliċi u aktar flessibbli jirrikjedi obbligu ta' rendikont parlamentari ***aktar robust***;	4. Jissottolinja li QFP aktar sempliċi u aktar flessibbli jirrikjedi ***aktar trasparenza u*** obbligu ta' rendikont ***u skrutinju*** parlamentari ***robust; ifakkar li ċ-ċittadini tal-UE jridu jkunu jistgħu jiddependu fuq dawk li jimplimentaw il-baġit tal-UE biex jinfurmawhom dwar kif intefqu l-fondi u bl-objettivi li jkunu ntlaħqu; ifakkar li t-trasparenza hija essenzjali biex tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini, u li l-frodi u l-użu ħażin tal-fondi huma estremament detrimentali biex tinżamm dik il-fiduċja; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi sodi kontra l-frodi fl-istrumenti kollha ta' finanzjament għall-QFP ta' wara l-2027 li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-UE; jirrakkomanda li jsir progress lejn bażi tad-data aċċessibbli għall-pubbliku li tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar l-allokazzjonijiet tal-baġit tal-UE u l-eżiti tal-infiq;***

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;	6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività ***u tas-sigurtà tal-Ewropa***, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrimarka li Draghi jistma li d-diskrepanza fl-investiment annwali f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni u l-infrastruttura se tkun madwar EUR 750-800 biljun fis-sena bejn l-2025 u l-2030; jissottolinja li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni ma jistax ikopri dak in-nuqqas waħdu, ***irid ikollu rwol vitali***;	8. Jirrimarka li Draghi jistma li d-diskrepanza fl-investiment annwali f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni u l-infrastruttura se tkun madwar EUR 750-800 biljun fis-sena bejn l-2025 u l-2030; jissottolinja li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni ma jistax ikopri dak in-nuqqas waħdu, ***huwa għandu madankollu jappoġġja l-kompetittività tal-UE kemm jista' jkun***;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni jrid ikun ikkoordinat bir-reqqa mal-infiq nazzjonali u mfassal b'tali mod li jkun jista' jneħħi r-riskju, jimmobilizza u jingrana l-investiment privat b'mod effettiv, filwaqt li jippermetti lin-negozji ġodda u lill-SMEs jaċċessaw il-fondi b'mod aktar faċli; jitlob, għalhekk, li programmi bħal InvestEU, li ***jiżgura*** addizzjonalità u ***jsegwi*** approċċ ibbażat fuq is-suq u mmexxi mid-domanda, jissaħħu b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss; iqis li l-garanziji baġitarji huma użu effettiv tar-riżorsi u jitlob li dawn jiġu ssimplifikati;	9. ***Jitlob li l-QFP li jmiss ikun mgħammar b'salvagwardji robusti biex tiġi evitata l-korruzzjoni u tiġi żgurata t-trasparenza;*** Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni jrid ikun ikkoordinat bir-reqqa mal-infiq nazzjonali u mfassal b'tali mod li jkun jista' jneħħi r-riskju, jimmobilizza u jingrana l-investiment privat b'mod effettiv, filwaqt li jippermetti lin-negozji ġodda***, lin-negozji li qed jespandu,*** u lill-SMEs jaċċessaw il-fondi b'mod aktar faċli; jitlob, għalhekk, li programmi bħal InvestEU, li ***jiżguraw*** addizzjonalità u ***jsegwu*** approċċ ibbażat fuq is-suq u mmexxi mid-domanda, jissaħħu b'mod sinifikanti ***u jiġu allinjati mal-prijoritajiet tal-Unjoni u mal-iskala tal-isfidi identifikati*** fil-QFP li jmiss ***u li jitħallew iżommu approċċ anqas avvers għar-riskju biex verament tiġi stimulata l-innovazzjoni***; iqis li l-garanziji baġitarji huma użu effettiv tar-riżorsi ***jekk dawn isiru id f'id ma' miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni*** u jitlob li dawn jiġu

ssimplifikati;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsisti li, fil-QFP li jmiss, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi massimizzat il-potenzjal tar-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali oħra – fejn ***jidħol is-self*** f'oqsma strateġiċi ta' politika, bħall-klima u, tal-aħħar, għal proġetti ta' difiża b'użu doppju;	10. Jinsisti li, fil-QFP li jmiss, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi massimizzat il-potenzjal tar-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali oħra – fejn ***jidħlu s-self u s-servizzi ta' konsulenza*** f'oqsma strateġiċi ta' politika, bħall-klima u, tal-aħħar, għal proġetti ta' difiża b'użu doppju;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jisħaq li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra, l-ekonomija Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva u reżiljenti f'dak li jirrigwarda l-provvista billi tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali msaħħa u permezz ta' enfasi fuq setturi strateġiċi u teknoloġiji kritiċi biex titnaqqas id-dipendenza minn pajjiżi terzi;	16. Jisħaq li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra, l-ekonomija Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva u reżiljenti f'dak li jirrigwarda l-provvista billi tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali msaħħa***, immirata u koordinata,*** u permezz ta' enfasi fuq setturi strateġiċi u teknoloġiji kritiċi biex titnaqqas id-dipendenza minn pajjiżi terzi;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel hija komponent vitali tal-awtonomija strateġika	17. Jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel hija komponent vitali tal-awtonomija strateġika

u li l-QFP li jmiss irid ikompli jappoġġja s-setturi tal-biedja u tas-sajd tal-Unjoni, inklużi l-bdiewa u s-sajjieda żgħar u żgħażagħ, u jgħin lis-setturi jipproteġu aħjar il-klima u l-bijodiversità; ***jenfasizza*** r-rwol kruċjali tal-politika agrikola komuni fiż-żieda tal-produttività permezz tal-progress tekniku, l-iżgurar ta' standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa u l-garanzija tas-sigurtà tal-ikel; jitlob ***finanzjament adegwat għall-politika*** agrikola komuni fil-QFP li jmiss;

u li l-QFP li jmiss irid ikompli jappoġġja s-setturi tal-biedja u tas-sajd tal-Unjoni, inklużi l-bdiewa u s-sajjieda żgħar u żgħażagħ, u jgħin lis-setturi jipproteġu aħjar il-klima u l-bijodiversità; ***jinnota*** r-rwol kruċjali tal-politika agrikola komuni fiż-żieda tal-produttività permezz tal-progress tekniku, l-iżgurar ta' standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa u l-garanzija tas-sigurtà tal-ikel; jitlob ***għal investimenti distribwiti b'mod uniformi, trasparenti, traċċabbli u mmirati fil-politika*** agrikola komuni fil-QFP li jmiss;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Ifakkar li l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali hija pedament tal-integrazzjoni Ewropea u hija vitali biex iġġib lill-Unjoni flimkien u tapprofondixxi s-suq uniku; jissottolinja li politika ta' koeżjoni modernizzata trid issegwi approċċ ta' governanza deċentralizzata, ibbażata fuq il-post u fuq diversi livelli u għandha tinbena madwar il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija, bl-involviment sħiħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;	18. Ifakkar li l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali hija pedament tal-integrazzjoni Ewropea u hija vitali biex iġġib lill-Unjoni flimkien u tapprofondixxi s-suq uniku***, li għad għandu potenzjal li ma ġiex sfruttat, skont ir-rapport tal-2025 dwar is-suq uniku u l-kompetittività***; jissottolinja li politika ta' koeżjoni modernizzata trid issegwi approċċ ta' governanza deċentralizzata, ibbażata fuq il-post u fuq diversi livelli u għandha tinbena madwar il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija, bl-involviment sħiħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ***kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħra; iqis li l-parteċipazzjoni attiva tagħhom se tiżgura sorveljanza effettiva u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-salvagwardji kontra l-korruzzjoni u l-użu ħażin tal-fondi, u b'hekk issaħħaħ it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; ifakkar fl-importanza li tiġi indirizzata r-rata baxxa ta' assorbiment fil-fondi ta' koeżjoni u jappella għal approċċ aktar iffukat għall-ħtiġijiet ekonomiċi lokali u reġjonali, inkluż***

permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għar-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Ifakkar*** li l-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, li tirrikjedi dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użu ta' teknoloġiji nodfa, infrastruttura mtejba tal-enerġija u tat-trasport u akkomodazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jinnota li l-Kummissjoni tistma li huwa meħtieġ investiment addizzjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'1.5 % tal-PDG fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020 ***u li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax ikopri d-distakk, dan irid jibqa' kontributur vitali***;	22. ***Jinnota*** li l-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, li tirrikjedi dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użu ta' teknoloġiji nodfa, infrastruttura mtejba tal-enerġija u tat-trasport u akkomodazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jinnota li l-Kummissjoni tistma li huwa meħtieġ investiment addizzjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'1.5 % tal-PDG fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020***; jinnota l-valur tal-indikaturi tal-prestazzjoni għall-kisba tan-newtralità klimatika sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-politiki u l-investimenti tal-UE***;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Ifakkar li s-sigurtà hija l-pedament għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-Unjoni u ***li l-QFP*** li jmiss ***irid jinvesti b'mod sinifikanti fis-salvagwardja tal-Unjoni kontra l-bosta theddidiet*** li ***tiffaċċja***;	25. Ifakkar li s-sigurtà hija l-pedament għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-Unjoni u ***trid tingħata prijorità kbira fil-QFP*** li jmiss ***meta jitqies it-theddid kbir li qed tiffaċċja l-UE, bħal kunflitti ġeopolitiċi, it-theddid ibridu u ċibernetiku, u reġimi awtoritarji*** li ***jimminaw il-libertà, id-demokrazija u valuri fundamentali Ewropej oħra***;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrimarka li l-Unjoni kellha rwol vitali fil-kisba ta' paċi dejjiema fit-territorju tagħha u trid tkompli tagħmel dan billi taġġusta għar-realtà tal-gwerra fuq l-għatba tagħha u l-ħtieġa li tagħti spinta kbira lill-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tad-difiża, ferm lil hinn mill-allokazzjoni attwali;	27. Jirrimarka li l-Unjoni kellha rwol vitali fil-kisba ta' paċi dejjiema fit-territorju tagħha u trid tkompli tagħmel dan billi taġġusta ***minnufih*** għar-realtà tal-gwerra fuq l-għatba tagħha u l-ħtieġa li tagħti spinta kbira lill-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tad-difiża, ferm lil hinn mill-allokazzjoni attwali;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinnota li, skont il-President tal-Kummissjoni, id-distakk fl-infiq għad-difiża bħalissa huwa ta' EUR 500 biljun għad-deċennju li jmiss; ***jissottolinja*** li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax jimla ***dan*** id-distakk, ***iżda għandu rwol importanti x'jaqdi***;	28 Jinnota li, skont il-President tal-Kummissjoni, id-distakk fl-infiq għad-difiża bħalissa huwa ta' EUR 500 biljun għad-deċennju li jmiss; ***jinnota*** li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax jimla ***l-vojt, minkejja li l-infiq għad-difiża u s-sigurtà huwa prijorità tal-UE, anki f'termini ta' awtonomija strateġika; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltà li tippermetti investimenti privati u flussi ta' kapital, u sħubijiet pubbliċi-privati biex jimlew*** id-distakk ***fl-infiq u tiżgura trasparenza***, ***standards etiċi u obbligi ta' rendikont għoljin***;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. ***Jindika l-importanza*** tal-appoġġ fil-baġit għall-mobbiltà militari, li ttejjeb l-	30. ***Ifakkar fl-importanza*** tal-appoġġ ***koordinat fi ħdan il-qafas tan-NATO*** fil-

infrastruttura għal skopijiet militari u ċivili b'użu doppju u b'hekk tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni;	baġit għall-mobbiltà militari, li ttejjeb l-infrastruttura għal skopijiet militari u ċivili b'użu doppju u b'hekk tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jissottolinja li, b'bidla teknoloġika, sar aktar faċli għal atturi barranin malizzjużi u opportunistiċi li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jinterferixxu fl-elezzjonijiet u jwettqu attakki ċibernetiċi kontra l-interessi tal-Unjoni; jinsisti li l-QFP li jmiss jinvesti f'ċibersigurtà msaħħa; jindika l-importanza tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku f'dan ir-rigward, u l-ħtieġa ta' appoġġ baġitarju kontinwu tal-Unjoni għal inizjattivi f'dawn l-oqsma;	33. Jissottolinja li, b'bidla teknoloġika, sar aktar faċli għal atturi barranin malizzjużi u opportunistiċi li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jinterferixxu fl-elezzjonijiet u jwettqu attakki ċibernetiċi kontra l-interessi tal-Unjoni; jinsisti li l-QFP li jmiss jinvesti f'ċibersigurtà msaħħa; jindika l-importanza tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku f'dan ir-rigward, u l-ħtieġa ta' appoġġ baġitarju kontinwu tal-Unjoni għal inizjattivi f'dawn l-oqsma; ***jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jsir investiment fl-edukazzjoni tal-pubbliku ġenerali sabiex ikun jista' jidentifika t-theddid ċibernetiku u jinnaviga l-ambjent tad-diżinformazzjoni fid-dinja tal-lum;***

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jissottolinja li l-baġit irid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-finanzjament għall-klima f'konformità mal-obbligi u l-impenji globali tal-Unjoni; jinsisti li l-baġit irid jibqa' jappoġġja lill-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tiddefendi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri	38. Jissottolinja li l-baġit irid jirrispetta r-rwol tal-Unjoni bħala l-fornitur ewlieni fid-dinja tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-finanzjament għall-klima f'konformità mal-obbligi u l-impenji globali tal-Unjoni; jinsisti li l-baġit irid jibqa' jappoġġja lill-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tiddefendi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-demokrazija, il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri

fundamentali;	fundamentali; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu s-sorveljanza u r-rappurtar tal-investimenti u l-politiki f'dan il-qasam;***

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jisħaq li l-appoġġ finanzjarju jrid ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi u l-aderenza mal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' mudell ta' governanza b'saħħtu li jiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari;	43. Jisħaq li l-appoġġ finanzjarju jrid ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi u l-aderenza mal-valuri tal-Unjoni***, kif ukoll fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi sabiex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jiġu definiti minn qabel miri strateġiċi ċari dwar il-miżuri tal-istat tad-dritt għal kull pajjiż tat-tkabbir u li tintalab l-introduzzjoni ta' outputs u riżultati dettaljati għall-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni, akkumpanjati minn metodoloġija ċara biex tiggwida d-deċiżjonijiet dwar il-pagamenti; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi dispożizzjonijiet imsaħħa li jagħtu lill-istituzzjonijiet tal-UE kapaċità akbar biex jivverifikaw l-użu tal-fondi tal-UE fil-ftehimiet finanzjarji mal-pajjiżi kandidati***; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' mudell ta' governanza b'saħħtu li jiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari ***u, b'mod partikolari, struttura b'saħħitha u funzjonali kontra l-frodi***;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jissottolinja li l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lill-Ukrajna jrid ikun ***distint mill-***	44. Jissottolinja li l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lill-Ukrajna jrid ikun ***miżjud mal-***

assistenza finanzjarja għar-rikostruzzjoni u l-irkupru ta' wara l-gwerra, fejn il-ħtiġijiet huma ħafna aktar sostanzjali u jirrikjedu sforz internazzjonali koordinat, li l-appoġġ għalih mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun parti importanti;	***assistenza*** finanzjarja għar-rikostruzzjoni u l-irkupru ta' wara l-gwerra, fejn il-ħtiġijiet huma ħafna aktar sostanzjali u jirrikjedu sforz internazzjonali koordinat, li l-appoġġ għalih mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun parti importanti;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet fundamentali, ***il-valuri tal-Unjoni*** u ***l-istat tad-dritt***	Drittijiet fundamentali, ***l-istat tad-dritt*** u ***valuri oħra tal-Unjoni***

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u l-valuri tal-Unjoni, għat-trawwim tal-wirt kulturali komuni tal-Unjoni u l-integrazzjoni Ewropea, għat-tisħiħ tal-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u għall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-istat tad-dritt; jindika l-importanza tal-indipendenza ***tal-ġustizzja***, il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet nazzjonali, ***l-appoġġ għas-soċjetà*** ċivili u d-deoliġarkizzazzjoni;	46. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u l-valuri tal-Unjoni, ***kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,*** għat-trawwim tal-wirt kulturali komuni tal-Unjoni u l-integrazzjoni Ewropea, għat-tisħiħ tal-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u għall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-istat tad-dritt***, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri kontra l-korruzzjoni u ġestjoni finanzjarja trasparenti***; jindika l-importanza tal-indipendenza ***tal-ġudikatura, inkluża l-prosekuzzjoni***, il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet ***Ewropej,*** nazzjonali ***u sottonazzjonali***, ***inkluża l-media ħielsa, indipendenti u pluralistika, u s-soċjetà*** ċivili ***attiva u pluralistika,*** u d-deoliġarkizzazzjoni; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li***

miżuri robusti kontra l-korruzzjoni jkunu pilastru ċentrali tal-QFP ta' wara l-2027; iħeġġeġ l-involviment sħiħ tal-Parlament f'dan il-proċess, inkluż id-dritt tiegħu li jaċċessa d-dokumentazzjoni rilevanti biex jiżgura t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont matul il-proċedura kollha;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jenfasizza l-importanza ta' rabtiet b'saħħithom bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi tal-UE fl-ambitu tal-QFP attwali; jemmen li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tiddependi mir-rispett għall-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali; jilqa', b'mod partikolari, l-impatt pożittiv tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur sistemiku u persistenti tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw ir-regolament b'mod strett, konsistenti u mingħajr dewmien żejjed kull fejn ikun meħtieġ; jenfasizza li d-deċiżjonijiet biex jiġi sospiż jew jitnaqqas il-finanzjament tal-Unjoni minħabba ksur tal-istat tad-dritt ***jeħtieġ ikunu*** bbażati fuq kriterji oġġettivi u ***mhux iggwidati minn kunsiderazzjonijiet oħra***, u ***lanqas ma jridu jkunu l-eżitu tan-negozjati***;	48. ***Iqis il-konformità mal-istat tad-dritt u valuri oħra tal-Unjoni bħala fundamentali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u għalhekk prerekwiżit għall-aċċess għall-fondi tal-UE;*** Jenfasizza l-importanza ta' rabtiet b'saħħithom bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi tal-UE fl-ambitu tal-QFP attwali; jemmen li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tiddependi mir-rispett għall-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali; jilqa', b'mod partikolari, l-impatt pożittiv tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur sistemiku u persistenti tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw ir-regolament b'mod strett, konsistenti u mingħajr dewmien żejjed kull fejn ikun meħtieġ; jenfasizza li d-deċiżjonijiet biex jiġi sospiż jew jitnaqqas il-finanzjament tal-Unjoni minħabba ksur tal-istat tad-dritt ***iridu jkunu*** bbażati fuq kriterji oġġettivi u ***nondiskriminatorji, u b'hekk jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ma jintużax bħala għodda politika u ma jkunx soġġett għal tattiċi ta' rikatt tal-gvernijiet li jfittxu li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-Unjoni; jappella għal qafas proċedurali mtejjeb li jiggarantixxi l-oġġettività, it-trasparenza, il-konsistenza, u l-protezzjoni tal-**

benefiċjarji finali; iħeġġeġ l-involviment shiħ tal-Parlament f'dan il-proċess, inkluż id-dritt tiegħu li jaċċedi għad-dokumentazzjoni rilevanti biex jiżgura t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont matul il-proċedura kollha; jirrikonoxxi l-wasla ta' modi ġodda ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn l-isfidi li qed jevolvu, tinkludi valutazzjoni tal-istatus tal-konformità mar-regoli tas-suq uniku fl-evalwazzjoni tal-istat tad-dritt f'kull Stat Membru u tiskatta l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità jekk iseħħ ksur strutturali u persistenti fil-livell nazzjonali li jkollu impatt negattiv fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; iqis li l-kundizzjonalitajiet ex ante u l-monitoraġġ permanenti tat-twettiq tagħhom għandhom rwol ċentrali fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jindika l-ħtieġa ta' rabta b'saħħitha bejn l-istat tad-dritt u l-baġit tal-Unjoni wara l-2027 u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi permezz tal-baġit; jistieden lill-Kummissjoni tiddeskrivi, fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mill-2025 'il quddiem, il-punt sa fejn id-dgħufijiet identifikati fir-reġimi tal-istat tad-dritt potenzjalment joħolqu riskju għall-baġit tal-Unjoni; jilqa', barra minn hekk, ir-rabta bejn ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv il-konformità tal-Istati Membri ma' dan il-	49. Jindika l-ħtieġa ta' rabta ***aktar*** b'saħħitha bejn l-istat tad-dritt ***kif ukoll valuri oħra tal-Unjoni*** u l-baġit tal-Unjoni wara l-2027 u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u l-aċċess għall-fondi permezz tal-baġit; jistieden lill-Kummissjoni tiddeskrivi, fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mill-2025 'il quddiem, il-punt sa fejn id-dgħufijiet identifikati fir-reġimi tal-istat tad-dritt potenzjalment joħolqu riskju għall-baġit tal-Unjoni; jilqa', barra minn hekk, ir-rabta bejn ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv il-konformità tal-Istati Membri ma' dan il-

prinċipju;	prinċipju ***u tieħu azzjoni rapida fil-każ ta' nuqqas ta' konformità***;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jappella għall-konsolidazzjoni ta' sett ta' għodod robust ***tal-istat*** tad-dritt, li jibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità attwali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ***u l-kundizzjonijiet*** abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; jissottolinja l-ħtieġa ***ta'*** trasparenza u konsistenza ***ħafna akbar*** fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;	50. Jappella għall-konsolidazzjoni ta' sett ta' għodod robust ***li jkopri l-istat*** tad-dritt ***u valuri oħra tal-Unjoni***, li jibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità attwali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)***, il-kundizzjonijiet*** abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ***u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju1a u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju u jinsisti li s-sett ta' għodod għandu jkopri l-baġit kollu tal-UE u jiżgura li ma jkun hemm l-ebda rigress fl-istrumenti kollha***; jissottolinja l-ħtieġa ***għal ħafna aktar*** trasparenza u konsistenza fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;

_____

[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni

tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj.

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
51. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprevedi li r-riċevituri finali ma għandhomx jiġu mċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE fil-każ li ***jiġu applikati sanzjonijiet*** lill-gvern tagħhom; jemmen li, sal-lum, din id-dispożizzjoni ma ***kinitx effettiva*** u jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat ***approċċ*** ta' kundizzjonalità ***intelliġenti*** sabiex il-benefiċjarji ***ma jiġux penalizzati*** minħabba l-azzjonijiet tal-gvern tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi addizzjonali biex*** tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali mingħajr ma tiddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament;	51. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprevedi li r-riċevituri finali ma għandhomx jiġu mċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE fil-każ li ***jiġi applikat il-mekkaniżmu*** lill-gvern tagħhom; jemmen ***bis-sħiħ*** li, sal-lum, din id-dispożizzjoni ma ***ġietx infurzata biżżejjed*** u jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat ***il-mekkaniżmu*** ta' kundizzjonalità sabiex il-benefiċjarji ***jiġu mħarsa mill-penali*** minħabba l-azzjonijiet tal-gvern tagħhom; ***jinsisti li l-Kummissjoni tipproponi miżuri speċifiċi li bihom*** tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali mingħajr ma tiddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	51a. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sistematika tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex jissaħħaħ l-infurzar

	prattiku ta' dawn il-kundizzjonijiet, filwaqt li jiġu żgurati trasparenza msaħħa u parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-kumitat ta' monitoraġġ;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
55. Jilqa' l-iżvilupp ta' metodoloġija biex jiġi segwit l-infiq abbażi tal-ġeneru u jqis li t-tagħlimiet meħuda għandhom jiġu applikati fil-QFP li jmiss; jisħaq, bl-istess mod, fuq il-ħtieġa ta' titjib sinifikanti fil-metodoloġiji tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità;	***imħassar***

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	56a. Jirrikonoxxi l-importanza ta' qafas ta' monitoraġġ ċar għal objettivi orizzontali u trażversali tal-UE u li jiġi żgurat li l-istrumenti ta' finanzjament jitfasslu biex jintlaħqu tali objettivi tal-UE; jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb it-traċċar u r-rapportar dwar tali prijoritajiet orizzontali, iżda jappella għal salvagwardji aktar b'saħħithom u stadji importanti aktar ċari għat-tlestija ta' dawn il-miżuri; jappella għal rabta aktar mill-qrib bejn l-iżborżi u l-ilħuq tal-objettivi fi strumenti ta' finanzjament futuri, flimkien ma' passi proattivi biex jiġu mmitigati r-riskji ta' nuqqas ta' kompletar;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	56b. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet orizzontali tal-UE; jisħaq fuq l-importanza ta' oqfsa robusti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni biex jiġi segwit il-kontribut tal-investimenti biex jintlaħqu l-miri orizzontali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-impenn tagħha għall-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar biex tiżgura li l-istrumenti ta' finanzjament futuri jagħtu riżultati li jistgħu jitkejlu;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. Jinsisti li, wara l-2027, jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett sabiex l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jkunu jistgħu jiżguraw tfassil, twassil u infurzar tal-politika effettivi u effiċjenti, ***ikomplu*** jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu;	57. ***Ifakkar li amministrazzjoni pubblika Ewropea effettiva hija ben pubbliku;*** jinsisti li, wara l-2027, jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u tal-persunal mill-bidu nett sabiex l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jkunu jistgħu jiżguraw tfassil, twassil u infurzar tal-politika effettivi u effiċjenti ***kif ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***, ***jibqgħu*** jattiraw l-aħjar persuni mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jiżguraw bilanċ ġeografiku, u jkollhom flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
59. Jisħaq li ***l-investiment*** bil-quddiem fl-infrastruttura interoperabbli tal-IT u ***fl-estrazzjoni*** tad-data ***jista' jiġġenera wkoll*** iffrankar ***tal-ispejjeż*** fit-tul u ***jtejjeb*** bil-kbir ***it-twassil*** tal-politika u t-traċċar tal-infiq;	59. ***Jenfasizza li, jekk tiġi ġestita kif xieraq, id-diġitalizzazzjoni tista' tagħmel l-amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti, affidabbli u sigura, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;*** jisħaq li ***l-enfasi akbar fuq il-prestazzjoni tirrikjedi qafas ta' monitoraġġ aktar robust u użu effettiv ta' għodod bħal EDES u ARACHNE biex jissaħħu t-trasparenza, is-sorveljanza u l-governanza mmexxija mid-data fl-ambitu tal-QFP ta' wara l-2027; jisħaq fuq l-importanza ta' investiment*** bil-quddiem fl-infrastruttura interoperabbli tal-IT u ***l-estrazzjoni*** tad-data ***bħala prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-komponenti ewlenin tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-QFP li jmiss u jenfasizza li dawn jistgħu jiġġeneraw ukoll*** iffrankar ***tal-kostijiet aktar*** fit-tul u ***jtejbu*** bil-kbir ***it-twettiq*** tal-politika u t-traċċar tal-infiq; ***jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-interoperabbiltà bejn l-għodod diġitali għas-superviżjoni u l-awditi tal-fondi tal-UE, u tipprovdi appoġġ u għodod biex jittejbu l-ħiliet diġitali tal-persunal tal-amministrazzjoni pubblika, kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali, involut fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE;***

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

59a. Jenfasizza li l-preparatezza għaċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE mhijiex biżżejjed minħabba t-theddid li qed jikber, u dan jagħmilhom vulnerabbli għal attakki ċibernetiċi dejjem aktar sofistikati; jissottolinja n-nuqqas ta' qafas legali komuni, riżorsi u taħriġ insuffiċjenti, investimenti mhux ugwali fiċ-ċibersigurtà, u lakuni fil-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar inċidenti ta' sigurtà; ifakkar fl-importanza tal-premessa 14 u l-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841[1a] u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tagħmel investimenti adegwati fiċ-ċibersigurtà biex tilħaq il-mira indikattiva fit-tul ta' mill-inqas 10 % tal-infiq totali tal-IT; jistieden lill-Kummissjoni (i) tintroduċi regoli vinkolanti dwar iċ-ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, (ii) iżżid ir-riżorsi għas-CERT-UE u l-ENISA, (iii) issaħħaħ il-kooperazzjoni interistituzzjonali, (iv) tipprijoritizza l-appoġġ għal entitajiet inqas maturi mil-lat ċibernetiku, u (v) tiżgura taħriġ obbligatorju dwar iċ-ċibersigurtà għall-persunal u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jittejbu r-rappurtar u l-koordinazzjoni tal-inċidenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika ġenerali tal-UE;

[1a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (OJ L, 2023/2841, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2841/oj.

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
60. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid jitfassal b'tali mod li jissimplifika l-ħajja tal-benefiċjarji, jarmonizza r-regoli kull fejn ikun possibbli u jnaqqas il-burokrazija żejda u jrid jiġi implimentat kemm jista' jkun qrib in-nies;	60. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid jitfassal b'tali mod li jissimplifika l-ħajja tal-benefiċjarji ***aħħarin, jiżviluppa d-diġitalizzazzjoni***, jarmonizza r-regoli kull fejn ikun possibbli u jnaqqas il-burokrazija żejda u jrid jiġi implimentat kemm jista' jkun qrib in-nies; ***huwa tal-fehma li t-tnaqqis tal-burokrazija u l-kontroll baġitarju effettiv jistgħu jimxu id f'id; jinsisti, għalhekk, li s-sorveljanza finanzjarja tal-fondi tal-Unjoni għandha titwettaq permezz ta' mekkaniżmi ta' rapportar aktar sinkronizzati u diġitalizzati, bil-ħsieb li tissaħħaħ is-superviżjoni finanzjarja, tiġi permessa analitika avvanzata tad-data, jiġu identifikati indikaturi tar-riskju, u jiġu ffaċilitati l-valutazzjonijiet komparattivi fost l-Istati Membri;***

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
61. Jitlob simplifikazzjoni ġenwina fejn ikun hemm objettivi li jikkoinċidu, kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti u regoli differenti li jirregolaw aspetti li għandhom ikunu uniformi fil-programmi kollha; iqis li valutazzjoni ta' liema programmi ta' nfiq għandhom jiġu inklużi fil-QFP li jmiss trid tkun ibbażata fuq l-aspetti ta' hawn fuq, fuq il-ħtieġa li l-infiq jiġi ffukat fuq objettivi ta' politika identifikati b'mod ċar u fuq il-loġika ta' intervent ta' politika ta' kull programm;	61. Jitlob simplifikazzjoni ġenwina fejn ikun hemm objettivi li jikkoinċidu, kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti u regoli differenti li jirregolaw aspetti li għandhom ikunu uniformi fil-programmi kollha; iqis li valutazzjoni ta' liema programmi ta' nfiq għandhom jiġu inklużi fil-QFP li jmiss trid tkun ibbażata fuq l-aspetti ta' hawn fuq, fuq il-ħtieġa li l-infiq jiġi ffukat fuq objettivi ta' politika identifikati b'mod ċar u fuq il-loġika ta' intervent ta' politika ta' kull programm; ***jirrimarka li t-trasparenza trid tiġi żgurata u mtejba permezz ta' bażi tad-data ċentralizzata, f'ħin reali u aċċessibbli għall-pubbliku tar-riċevituri kollha tal-fondi tal-UE, inklużi l-benefiċjarji finali tal-finanzjament ta' koeżjoni u agrikolu, sabiex jiġu evitati l-***

frodi u l-użu ħażin;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	61a. Jesprimi tħassib serju dwar il-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-rapport tagħha tal-2023[1a], li r-rata ta' żball fl-infiq tal-UE żdiedet għal 5,6 % tal-baġit ġenerali; jissottolinja t-twissija tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li ż-żieda fid-dejn Ewropew qed tpoġġi pressjoni dejjem akbar fuq il-baġit tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra bir-reqqa s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kemm mir-rapporti annwali kif ukoll mir-rapporti speċjali tagħha biex ittejjeb l-effiċjenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-infiq baġitarju tal-UE;
	[1a] Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Ir-Rapporti Annwali tal-2023".

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	61a. Jemmen li, flimkien ma' mekkaniżmi ta' kontroll b'saħħithom, il-QFP li jmiss għandu jagħmel enfasi speċifika fuq simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri għall-applikanti u/jew għall-benefiċjarji, b'mod partikolari l-benefiċjarji iżgħar; huwa tal-fehma li l-prijoritajiet ta' deregolamentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom jinħassu wkoll mill-applikanti għall-finanzjament tal-

	UE; itenni li tali simplifikazzjoni m'għandhiex tkun għad-detriment ta' kontrolli suffiċjenti, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tat-trasparenza;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
62. Jinsisti li bażit aktar sempliċi jeħtieġ ikun ukoll bażit aktar trasparenti, li jippermetti kontroll aħjar tal-infiq u jnaqqas ir-riskji ta' finanzjament doppju; jissottolinja li kwalunkwe tnaqqis fil-programmi jrid jiġi kkumpensat minn tqassim ferm aktar dettaljat tal-bażit skont il-linja bażitarja, b'kuntrast ma' xi fużjonijiet tal-programmi fil-QFP attwali, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali), li huwa eżempju li ma għandux jiġi segwit; jappella, għalhekk, għal tqassim dettaljat biżżejjed skont il-linja bażitarja biex jippermetti obbligu ta' rendikont xieraq u jiżgura li t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċedura bażitarja annwali jkun sinifikanti;	62. Jinsisti li bażit aktar sempliċi jeħtieġ ikun ukoll bażit aktar trasparenti, li jippermetti kontroll aħjar tal-infiq u jnaqqas ir-riskji ta' finanzjament doppju, ***ta' użu ħażin u ta' frodi, mingħajr ma jimmina l-komplementarjetà meħtieġa bejn il-fondi tal-UE***; jissottolinja li kwalunkwe tnaqqis fil-programmi jrid jiġi kkumpensat minn tqassim ferm aktar dettaljat tal-bażit skont il-linja bażitarja, b'kuntrast ma' xi fużjonijiet tal-programmi fil-QFP attwali, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali), li huwa eżempju li ma għandux jiġi segwit; jappella, għalhekk, għal tqassim dettaljat biżżejjed skont il-linja bażitarja biex jippermetti obbligu ta' rendikont xieraq u jiżgura li t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċedura bażitarja annwali jkun sinifikanti;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62b. Jenfasizza, b'mod partikolari, ir-riskju ta' finanzjament doppju, li jiżdied bl-introduzzjoni ta' strumenti bbażati fuq il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u huwa akbar meta jintużaw

	programmi ta' finanzjament differenti tal-UE b'mudelli, regoli u oqfsa ta' governanza u ta' obbligu ta' rendikont differenti biex jiffinanzjaw miżuri u azzjonijiet simili matul l-istess perjodu ta' żmien; jistieden lill-Kummissjoni tallinja r-regoli, l-oqfsa ta' governanza u ta' obbligu ta' rendikont; jisħaq fuq il-ħtieġa* ex ante *li jiġi pprevenut finanzjament doppju permezz ta' demarkazzjoni ċara ta' liema tipi ta' azzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati minn liema strumenti; jenfasizza mill-ġdid, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa akbar ta' identifikazzjoni ta' finanzjament doppju permezz ta' sistema unika integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u monitoraġġ kif previst fir-Regolament Finanzjarju;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62c. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni rrifjutat ir-rakkomandazzjonijiet biex tiċċara d-definizzjoni ta' finanzjament doppju skont il-mudelli ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u biex jissaħħu r-rekwiżiti ta' kontroll; iqis li kemm id-dimensjonijiet tal-kost kif ukoll tal-prestazzjoni jridu jiġu indirizzati biex ir-riskji jiġu mmitigati b'mod effettiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffformalizza r-rekwiżiti minimi ta' kontroll u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tagħhom fil-livell tal-benefiċjarji biex tissalvagwardja l-fondi tal-UE u ssaħħaħ is-sorveljanza fost l-Istati Membri;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62d. Jirrikonoxxi l-importanza tal-koordinazzjoni fost il-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament minħabba l-kumplessitajiet introdotti mill-mudelli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn l-isfidi b'mod proattiv fil-QFP ta' wara l-2027 billi tistabbilixxi mekkaniżmi robusti ta' kondiviżjoni tad-data u tallinja r-rapportar fost l-istrumenti ta' finanzjament biex issaħħaħ is-sorveljanza u l-obbligu ta' rendikont;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62e. Jistieden lill-Kummissjoni tirriforma l-mekkaniżmi tal-awditjar bl-għan li ssaħħaħ ir-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-QFP u fl-interazzjoni tagħha mal-uffiċċji nazzjonali tal-awditjar, b'enfasi fuq iż-żmien, it-tagħlimiet meħuda u s-sussidjarjetà;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62f. Jistieden lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza, u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, tal-QFP billi tiġbor u

	tistabbilixxi dashboard diġitali f'ħin reali u aċċessibbli għall-pubbliku li jagħti dettalji dwar l-allokazzjoni tal-fondi, l-iskopijiet tal-proġetti, l-eżiti u l-benefiċjarji finali;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62g. Jinnota li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) qed jeżamina l-eżistenza ta' ftehimiet ta' għotja li fihom attivitajiet dettaljati ta' lobbying, iffinanzjati mill-programm LIFE tal-QFP; jinnota li l-Kummissjoni adottat gwida dwar attivitajiet ta' finanzjament relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni li fiha tiċċara li l-finanzjament huwa konformi mal-*acquis *tal-UE, u li fiha tiddikjara li dan jista' jinvolvi riskju għar-reputazzjoni tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza sħiħa dwar ir-riċevituri finali tal-fondi tal-UE f'oqsma ta' politika differenti kif ukoll tirrieżamina l-programmi l-oħra kollha tal-QFP biex tiżgura li jikkonformaw mal-miżuri li ttieħdu mill-Kummissjoni;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
63. Itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-infiq kollu fil-livell tal-UE għandu jingieb fl-ambitu tal-awtorità baġitarja; jappella, għalhekk, għall-ibbaġitjar sħiħ ta' strumenti (parzjalment) barra mill-baġit	63. Itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-infiq kollu fil-livell tal-UE għandu jingieb fl-ambitu tal-awtorità baġitarja; jappella, għalhekk, għall-ibbaġitjar sħiħ ta' strumenti (parzjalment) barra mill-baġit

bħall-Fond Soċjali għall-Klima, il-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għall-Modernizzazzjoni, jew is-suċċessuri tagħhom;	bħall-Fond Soċjali għall-Klima, il-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għall-Modernizzazzjoni, jew is-suċċessuri tagħhom***, sabiex jiżgura li s-sorveljanza tal-Parlament u d-drittijiet ta' awditjar tal-Qorti tal-Awdituri; itenni t-talba li jkun hemm mandati ta' awditjar pubbliku għall-istrumenti ta' finanzjament kollha li jappoġġjaw il-politiki tal-UE, inklużi dawk 'il barra mill-qafas legali tal-UE***;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	63a. Jinsisti fuq l-introduzzjoni ta' miżuri korrettivi awtomatiċi fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari f'każijiet fejn jiġu identifikati nuqqasijiet serji fil-mekkaniżmi ta' kontroll nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ strett ħafna f'każijiet bħal dawn , tissospendi minnufih il-finanzjament fejn nuqqasijiet strutturali u persistenti jheddu l-implimentazzjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE, sabiex b'hekk tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza l-effett deterrenti ta' tali sistema u jindika, f'dak ir-rigward, korrezzjonijiet finanzjarji netti li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE, u jirriżultaw f'telf dirett għall-Istat Membru kkonċernat; jitlob li jkun hemm gwida interna suffiċjenti dwar korrezzjonijiet b'rata fissa għal nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, inkluż fi strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-enfasi tagħha fuq l-użu ta' korrezzjonijiet b'rata fissa għal irregolaritajiet sistemiċi biex tissalvagwardja aħjar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati d-dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' rkupru, biex jiġi żgurat li l-irregolaritajiet jiġu identifikati u

ġestiti kif xieraq; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet u salvagwardji robusti ta' rkupru fi strumenti ta' finanzjament futuri biex jiġu mmitigati r-riskji li jġorru l-miżuri mhux kompluti, il-finanzjament doppju jew l-azzjonijiet mhux permessi mil-liġi;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	63b. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dettaljata, trasparenti u aċċessibbli għall-pubbliku dwar in-nefqa irregolari u l-miżuri korrettivi meħuda; jenfasizza li rapportar suffiċjenti u trasparenti huwa essenzjali għal sorveljanza u obbligu ta' rendikont effettivi; jenfasizza l-ħtieġa kritika li l-iżborżi jiġu allinjati mat-tlestija tal-istadji importanti u l-objettivi fl-ambitu ta' strumenti bħall-RRF; jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi msaħħa biex jingħata aċċertament dwar in-nuqqas ta' finanzjament doppju, speċjalment f'mudelli ta' finanzjament simplifikati bħall-finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż, billi tiġi estiża l-kopertura tal-awditjar biex tinkludi kemm id-dimensjonijiet tal-kostijiet kif ukoll tal-prestazzjoni;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	63d. Jiddeplora r-rilaxx ta' fondi tal-UE lil Stat Membru involut fi proċedura skont il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità

	tal-istat tad-dritt minkejja nuqqasijiet sinifikanti fl-oqfsa tiegħu ta' indipendenza ġudizzjarja u ta' kontra l-korruzzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi tal-UE jilħqu tabilħaqq il-popolazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissospendi b'mod sistematiku l-fondi tal-UE permezz tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha f'każijiet ta' ksur serju u persistenti tal-istat tad-dritt, ta' korruzzjoni, ta' użu ħażin tal-fondi tal-UE, jew ta' nuqqasijiet strutturali u persistenti li jipperikolaw l-implimentazzjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
64. Jirrimarka li, tradizzjonalment, il-QFP ma ġiex ikkonċepit b'loġika ta' rispons għall-kriżijiet jew ta' flessibbiltà, iżda pjuttost tfassal primarjament biex jiżgura l-prevedibbiltà tal-investiment fuq terminu medju; jissottolinja li, f'kuntest politiku, ekonomiku u soċjali li qed jinbidel malajr, approċċ bħal dan ma għadux sostenibbli; jinsisti biex fil-QFP li jmiss ikun hemm kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet li tkun integrata biżżejjed;	64. Jirrimarka li, tradizzjonalment, il-QFP ma ġiex ikkonċepit b'loġika ta' rispons għall-kriżijiet jew ta' flessibbiltà, iżda pjuttost tfassal primarjament biex jiżgura l-prevedibbiltà tal-investiment fuq terminu medju; ***ifakkar li b'riżultat ta' dan, ix-xenarju finanzjarju tal-UE sar frammentat, bi strumenti li fihom sorsi differenti ta' finanzjament u arranġamenti ta' governanza;*** jissottolinja li, f'kuntest politiku, ekonomiku u soċjali li qed jinbidel malajr, approċċ bħal dan ma għadux sostenibbli; jinsisti biex fil-QFP li jmiss ikun hemm kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet li tkun integrata biżżejjed; ***jenfasizza li, filwaqt li r-rispons għall-kriżijiet huwa kruċjali, dan irid isir b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta' trasparenza, u li l-istrumenti introdotti f'ċirkostanzi urġenti għandhom jintegraw fit-disinn tagħhom il-kriterji ta' valutazzjoni rispettivi li għalihom jiġu żborżati l-fondi; jappella għal valutazzjoni sufiċjenti minn qabel tal-istrumenti***

	finanzjarji kollha introdotti (mill-ġdid) fil-QFP ta' wara l-2027, b'enfasi fuq id-disinn, il-ħtieġa u l-allinjament tagħhom mal-objettivi tal-UE; jitlob skrutinju parlamentari sħiħ fuq strumenti barra mill-baġit u fondi speċjali, biex jiġi żgurat li n-nefqa kollha tal-UE tkun soġġetta għal sorveljanza demokratika u li l-ebda strument finanzjarju ma jaqbeż il-kontroll parlamentari;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
67. Jissottolinja li l-QFP irid ikollu marġini suffiċjenti taħt kull intestatura biex jiżgura li strumenti jew objettivi ta' nfiq ġodda li jkun intlaħaq qbil dwarhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni jkunu jistgħu jiġu akkomodati mingħajr ma jitnaqqas il-finanzjament għal objettivi ta' politika oħra jew mingħajr ma wieħed titnaqqar il-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet;	***imħassar***

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 67a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	67a. Jinnota li programmi u proġetti differenti jista' jkollhom skedi ta' żmien differenti biex jiġu implimentati; iwissi kontra obbligi amministrattivi tqal wisq assoċjati mat-tibdil ta' tali programmi jew proġetti; jissottolinja l-ħtieġa ta' flessibbiltà ta' destinazzjonijiet ta' finanzjament biex jiġi żgurat li l-finanzjament ikun jista' jiġi allokat mill-ġdid jekk ma jintefaqx fuq proġett previst

("użа jew itlef");

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	69a. Jenfasizza li l-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet tal-UE żvelaw lakuni fil-monitoraġġ, fl-obbligu ta' rendikont u fl-ippjanar fit-tul; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-trasparenza u t-traċċar tal-prestazzjoni, u tiżgura indikaturi armonizzati u sorveljanza f'ħin reali; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' skrutinju parlamentari aktar b'saħħtu fuq il-fondi għall-kriżijiet u kundizzjonalitajiet aktar ċari biex il-miżuri ta' emerġenza jiġu allinjati mal-objettivi strateġiċi fit-tul tal-UE;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 71a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	71a. Jappella, f'dan ir-rigward, biex it-tul tal-baġit tal-QFP jitqassar minn 7 għal 5 snin biex jiżdiedu l-flessibbiltà u l-obbligu ta' rendikont u biex ikun aktar sinkronizzat mal-mandat tal-istituzzjonijiet tal-UE;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 71a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	71a. Iqis li, minħabba l-bidliet u s-simplifikazzjonijiet sinifikanti previsti,

hemm ħtieġa akbar li r-Regolament Finanzjarju jiġi aġġustat għal mod kompletament ġdid ta' ħidma fil-QFP ta' wara l-2027, b'mod parallel mal-adozzjoni tar-regolament dwar il-QFP; jistenna li l-Kummissjoni tiżgura li l-QFP li jmiss, inklużi l-programmi ta' nfiq, jibqa' allinjat mar-Regolament Finanzjarju (riformulazzjoni); jenfasizza, f'dak il-kuntest, ir-rekwiżit stabbilit fir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, jiżguraw il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-TFUE;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 72a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	72a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka aktar mill-qrib fuq ir-riżultati u l-eżiti fil-QFP ta' wara l-2027, flimkien mal-outputs u l-kostijiet, u tagħmel enfasi akbar fuq il-valur miżjud transfruntier tal-UE; iwissi kontra l-inkorporazzjoni tal-objettivi politiċi f'sistema bbażata fuq il-prestazzjoni, li tiġġustifika l-ħtieġa li ssir enfasi fuq ir-riżultati u l-eżiti;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 72b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	72b. Iqis li kwalunkwe bidla lejn approċċ aktar ibbażat fuq il-prestazzjoni jeħtieġ li tkun ibbażata fuq qafas ta' prestazzjoni ċar u affidabbli fejn in-nefqa

	tal-UE tkun attribwita b'mod ċar għall-objettivi li qed jiġu segwiti, kemm* ex ante *abbażi ta' stimi, kif ukoll* ex post *abbażi tan-nefqa reali, u li dan għandu jiġi żvelat b'mod ċar fir-rapporti ta' progress u dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni; iqis li dan għandu jiġi rifless fil-bażijiet legali għall-QFP ta' wara l-2027 biex il-Kummissjoni tkun tista' tiġbor din l-informazzjoni mill-Istati Membri;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
75. Jirrimarka li kwalunkwe applikazzjoni ta' mudell ta' implimentazzjoni tat-tip Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fil-QFP li jmiss ikollha tikkoreġi n-nuqqasijiet fundamentali tal-RRF, billi jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali ***mit-tfassil*** sat-twettiq permezz ta' approċċ ta' governanza bbażata fuq il-post u f'diversi livelli, tiġi żgurata d-dimensjoni transfruntiera tal-proġetti ta' investiment, isir fokus fuq ir-riżultati u l-impatt aktar milli fuq ***l-outputs***, tiġi garantita trasparenza sħiħa fir-rigward tar-riċevituri finali tal-infiq tal-Unjoni u jiġi salvagwardjat ir-rwol tal-Parlament bħala leġiżlatur, awtorità baġitarja u ta' kwittanza u billi l-eżekuttiv jinżamm responsabbli;	75. Jirrimarka li kwalunkwe applikazzjoni ta' mudell ta' implimentazzjoni tat-tip Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fil-QFP li jmiss ikollha tikkoreġi n-nuqqasijiet fundamentali tal-RRF, ***u tippermetti qafas ta' programmar aktar flessibbli li jiggarantixxi akkwist pubbliku u proċeduri ta' għotja robusti, li jimplimentaw il-prinċipju tas-sħubija,*** billi jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali***, u partijiet ikkonċernati oħra mid-disinn*** sat-twettiq permezz ta' approċċ ta' governanza bbażata fuq il-post u f'diversi livelli, tiġi żgurata d-dimensjoni transfruntiera tal-proġetti ta' investiment ***u tal-proġetti transfruntiera fihom infushom***, isir fokus fuq ir-riżultati u l-impatt aktar milli fuq ***l-eżiti, u tiġi żgurata d-disponibbiltá tad-data rilevanti għall-kejl tal-prestazzjoni u rekord tal-awditjar uniku***, tiġi garantita trasparenza sħiħa fir-rigward tar-riċevituri finali tal-infiq tal-Unjoni u jiġi salvagwardjat ir-rwol tal-Parlament bħala leġiżlatur, awtorità baġitarja u ta' kwittanza u billi l-eżekuttiv jinżamm responsabbli; ***ifakkar fl-importanza ta' definizzjoni ċara tal-istadji importanti u tal-objettivi;***

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75a. Iqis li t-trasparenza hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jilħqu l-objettivi tagħhom u jilħqu l-benefiċjarji u/jew ir-riċevituri finali intenzjonati tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati u rrapportati l-benefiċjarji finali reali tal-fondi kollha tal-UE biex tinżamm il-fiduċja pubblika u biex il-Parlament ikun jista' jwettaq b'mod effettiv ir-rwol tal-awtorità ta' kwittanza tiegħu; itenni t-tħassib dwar l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri ta' dak li jirrappreżenta "riċevitur finali" tal-finanzjament tal-RRF, għax mhuwiex konformi mal-ftehim tan-negozjati tar-REPowerEU, u jsostni li l-ministeri, l-awtoritajiet pubbliċi u awtoritajiet kontraenti oħra ma jistgħux jiġu elenkati bħala riċevituri finali tal-finanzjament tal-RRF; jesprimi tħassib ukoll dwar is-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri rigward ir-riskju ta' finanzjament irregolari u doppju u finanzjament tan-nefqa baġitarja rikorrenti li mhumiex konformi mal-bażi legali tal-RRF; jisħaq li mekkaniżmu robust għall-prevenzjoni ta' finanzjament doppju u l-iżgurar tal-obbligu ta' rendikont irid jiġi integrat ċentralment fl-istrumenti ta' finanzjament kollha u jkun applikabbli għalihom, speċjalment fl-ambitu tal-mudell ta' implimentazzjoni tal-RRF u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet (FNLC);

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75b. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati oħra rilevanti, huwa kruċjali għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe approċċ nazzjonali għall-QFP li jmiss;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75a. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżid l-enfasi fuq implimentazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE, li tirrikjedi għażla u definizzjoni bir-reqqa ta' indikaturi marbuta b'mod ċar mal-objettivi ta' finanzjament, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt* ex ante *bir-reqqa, monitoraġġ u evalwazzjonijiet* ex post*; huwa tal-fehma li kwalunkwe bidla lejn approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni bbażat fuq l-RRF tirrikjedi li l-kwistjonijiet identifikati fl-implimentazzjoni tiegħu rikonoxxuti mill-Kummissjoni jiġu indirizzati, u li altrimenti ma tistax tintuża bħala pjan ta' azzjoni; jinnota li dawn il-kwistjonijiet jinkludu responsabbiltà limitata u għarfien limitat fil-livell tal-UE dwar il-konformità mar-regoli u r-regolamenti (tal-UE) fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, trasparenza limitata fir-rigward tar-riċevituri finali, valur miżjud limitat tal-UE minħabba, b'mod partikolari, l-għadd limitat ta' proġetti transfruntiera, u l-involviment limitat ta' entitajiet

sottonazzjonali, b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali, fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-istrument; jitlob li jkun hemm enfasi kontinwa u akbar fuq il-prestazzjoni, li, fl-istess ħin, din ma għandhiex issir għad-detriment ta' kontrolli u ta' ġestjoni finanzjarja tajba; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' soluzzjonijiet tal-IT aktar ċentralizzati, integrati u interoperabbli biex jiġi awtomatizzat ir-rapportar u jiġu ggarantiti l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tad-data mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi addizzjonali; jissottolinja l-importanza tal-monitoraġġ tar-regolarità tan-nefqa taħt il-QFP il-ġdid kif ukoll sabiex jiġu miġġielda l-użu ħażin u l-frodi; huwa għalhekk tal-opinjoni li, anke jekk ikun hemm bidla lejn sistema aktar iffukata fuq ir-riżultati u l-impatt, jeħtieġ li jkun hemm verifika tar-regolarità tan-nefqa; jissottolinja li l-iżgurar tal-protezzjoni sħiħa tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni taħt ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni se jirrikjedi bbilanċjar bir-reqqa tar-rekwiżiti ta' awditjar u kontroll mal-piż amministrattiv impost fuq l-Istati Membri u l-benefiċjarji; jirrimarka li l-implimentazzjoni tal-approċċ ta' awditu uniku u l-fatt li jkun hemm punt ta' kuntatt uniku fil-Kummissjoni għall-Istati Membri u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, bħall-FENIX, jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li jiġu kkonsolidati u kkoordinati r-responsabbiltajiet tal-awditjar;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75c. Jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċi mfassla apposta għall-Istati Membri; iqis li huwa tal-akbar importanza li l-

	Kummissjoni żżomm approċċ orizzontali b'saħħtu biex tipprevjeni n-"nazzjonalizzazzjoni" tal-politiki tal-Unjoni, li tirriżulta f'27 approċċ nazzjonali li flimkien ma jiffurmawx approċċ tal-Unjoni u fejn l-Istati Membri jiġu ttrattati b'mod differenti dwar kwistjonijiet simili; jinnota li l-esperjenza s'issa bil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ma kinitx pożittiva, peress li mhux dejjem kien possibbli li jiġi kkwantifikat il-kontribut ta' kull Stat Membru għall-objettivi tal-UE minħabba nuqqas jew inkomparabbiltà tad-data disponibbli, u Stati Membri akbar b'aktar riżorsi baġitarji ġew ittrattati b'mod differenti minn dawk iżgħar b'baġits aktar stretti; iqis li l-Parlament għandu jkun involut meta jiġu ddefiniti approċċi nazzjonali bħal dawn;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75d. Jinnota li fil-każ ta' strumenti eżistenti bbażati fuq il-prestazzjoni implimentati taħt ġestjoni diretta, ma hemm l-ebda obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw każijiet ta' suspett ta' frodi fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), kif inhu l-każ għall-fondi implimentati taħt ġestjoni kondiviża; jistieden lill-Kummissjoni ttaffi din id-diskrepanza fl-informazzjoni għal strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni, jew billi tirrikjedi l-użu tal-IMS inkella billi tiddefinixxi obbligi ġodda ta' rapportar li jagħtu lill-organizzazzjonijiet ta' kontra l-frodi fil-livell tal-UE aċċess għal tali informazzjoni mill-Istati Membri;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Baġit fit-tul li jixhed il-prestazzjoni

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75e. Jinnota x-xewqa tal-Kummissjoni li tpoġġi l-QFP ta' wara l-2027 fuq bażi aktar b'saħħitha bbażata fuq il-prestazzjoni; jinnota l-esperjenza fil-QFP attwali u preċedenti b'oqfsa ta' prestazzjoni li kellhom jiddefinixxu, ikejlu u jirrapportaw dwar il-prestazzjoni; ifakkar fir-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri li eżaminaw l-oqfsa ta' prestazzjoni minn perspettiva ta' konformità jew ta' prestazzjoni u ripetutament sabu nuqqasijiet simili, irrispettivament mill-qasam ta' politika; ifakkar li dan kien jikkonċerna d-definizzjoni skarsa tal-indikaturi u/jew l-objettivi tal-prestazzjoni, in-nuqqas ta' data dwar il-prestazzjoni disponibbli biex jitkejlu l-kisbiet dwar l-indikaturi jew l-objettivi, il-kwalità baxxa tad-data dwar il-prestazzjoni u n-nuqqas ta' komparabbiltà bejn il-forniturі (eż. l-Istati Membri); jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn il-kwistjonijiet f'qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni għall-QFP ta' wara l-2027 li huwa marbut mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, filwaqt li żżomm kont tal-kostijiet u l-

	pożijiet amministrattivi potenzjali fuq l-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u l-promoturi tal-proġetti;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75f. Jifhem li d-definizzjoni u l-qbil dwar indikaturi u/jew objettivi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkostitwixxu proċess ta' negozjar u għalhekk jistgħu jirriżultaw f'kompromessi politiċizzati; huwa mħasseb li dan jista' jirriżulta f'differenzi fit-trattament fost l-Istati Membri, b'mod partikolari bejn Stati Membri akbar u iżgħar; jisħaq, madankollu, fuq l-importanza ta' definizzjonijiet* ex ante *ċari u li jistgħu jitkejlu, peress li l-eżitu tal-proċess ta' implimentazzjoni kollu jibbaża fuqu; jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa* ex ante *li jiġu definiti indikaturi u/jew objettivi ċari u li jistgħu jitkejlu; jinnota li l-indikaturi u l-objettivi jistgħu jiġu definiti f'diversi livelli, inkluż bħala input, output, riżultati u impatti, u li l-kejl tal-kontribuzzjoni reali mill-attivitajiet tal-Unjoni jvarja skont il-livell, fejn l-inputs u l-outputs ikollhom rabta relattivament b'saħħitha, filwaqt li r-riżultati u l-eżiti huma aktar diffiċli biex jiġu attribwiti għall-politiki tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li fil-QFP ta' wara l-2027 ikunu stabbiliti metodoloġiji għall-identifikazzjoni tar-rabta bejn l-attivitajiet użati skont il-politiki tal-Unjoni u r-riżultati u l-impatti osservati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allinjati d-definizzjonijiet fl-oqsma ta' politika tal-Unjoni, u għalhekk il-ħtieġa ta' qafas effettiv ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75g. Iqis l-identifikazzjoni u d-definizzjoni tad-data dwar il-prestazzjoni, ladarba l-indikaturi u l-objettivi jkunu ġew stabbiliti, bħala impenn aktar tekniku li jirrikjedi titjib kbir fil-QFP ta' wara l-2027; jisħaq li d-data dwar il-prestazzjoni, kemm dik eżistenti kif ukoll dik ġdida, għandha tkun preċiża u konsistenti biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mid-data u l-għarfien disponibbli fl-Eurostat u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC); jistieden lill-Kummissjoni tidentifika linji bażi għall-indikaturi u l-objettivi qabel il-bidu tal-QFP ta' wara l-2027;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75h. Jinnota li għal strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni, fejn il-pagamenti huma bbażati fuq il-kisba ta' indikaturi/objettivi definiti* ex ante*, il-verifika tal-kisba vera ta' dawn l-objettivi hija tal-akbar importanza; iqis li l-mekkaniżmi ta' verifika li jkun intlaħaq qbil dwarhom jistgħu jipprovdu ċarezza dwar l-azzjonijiet u r-riżultati li huma meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk ikunx intlaħaq objettiv u jekk ikunx jista' jsir pagament relatat; ifakkar fil-ħtieġa li ssir konsultazzjoni xierqa mas-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni meta jiġu vverifikati l-kisbiet li jkunu saru, u li

	jiġi ddokumentat il-proċess;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
78. Jissottolinja li, sal-lum, il-baġit tal-Unjoni kien meħtieġ biss li jħallas lura l-imgħax relatat mal-NGEU ***u*** li, mill-2028 ’il quddiem, il-baġit se jkollu jħallas lura l-kapital ukoll; jissottolinja li l-kostijiet totali għar-ripagamenti tal-kapital u tal-imgħax tan-Next Generation EU huma pproġettati li jkunu madwar EUR 20-30 biljun fis-sena mill-2028;	78. ***Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li d-dejn pendenti li jirriżulta minn self kien żdied għal EUR 458,5 biljun sal-aħħar tal-2023, ekwivalenti għal 2,7 % tal-PDG totali tal-UE;*** Jissottolinja li, sal-lum, il-baġit tal-Unjoni kien meħtieġ biss li jħallas lura l-imgħax relatat mal-NGEU***, iżda*** li, mill-2028 ’il quddiem, il-baġit se jkollu jħallas lura l-kapital ukoll; jissottolinja li l-kostijiet totali għar-ripagamenti tal-kapital u tal-imgħax tan-Next Generation EU huma pproġettati li jkunu madwar EUR 20-30 biljun fis-sena mill-2028; ***jinnota li aktar ma jkun għoli d-dejn, aktar il-baġit tal-Unjoni jkun vulnerabbli għal żidiet fir-rati tal-imgħax; jenfasizza, għalhekk, li self ġdid għandu jiġi evitat kemm jista’ jkun;***

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Baġit fit-tul li jingħata riżorsi adegwati ***u*** jkun finanzjat b’mod sostenibbli	Baġit fit-tul li jingħata riżorsi adegwati***, li*** jkun finanzjat b’mod sostenibbli ***u protett b’mod effettiv***

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

82. Jissottolinja li, kif deskritt hawn fuq, il-ħtiġijiet baġitarji ta' wara l-2027 se jkunu ferm ogħla mill-ammonti allokati għall-QFP 2021-2027; jinsisti, għalhekk, li l-Unjoni se tkun tista' tindirizza l-isfidi sinifikanti li qed tiffaċċja u tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha biss jekk il-QFP li jmiss ikollu r-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa ***l-ħtiġijiet baġitarji li qed jiżdiedu***;	82. Jissottolinja li, kif deskritt hawn fuq, il-ħtiġijiet baġitarji ta' wara l-2027 se jkunu ferm ogħla mill-ammonti allokati għall-QFP 2021-2027; jinsisti, għalhekk, li l-Unjoni se tkun tista' tindirizza l-isfidi sinifikanti li qed tiffaċċja u tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha biss jekk il-QFP li jmiss ikollu r-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa ***l-isfidi tal-Unjoni***;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
84. ***Itenni l-ħtieġa ta' dħul sostenibbli u reżiljenti għall-baġit tal-Unjoni; jindika l-pjan direzzjonali legalment vinkolanti lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda fil-FII***, li ***fih il-Parlament, il-Kunsill*** u ***l-Kummissjoni impenjaw ruħhom li jintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda*** biex ***tal-anqas ikopru l-ħlas lura tad-dejn tan-Next Generation EU***;	84. ***Huwa mħasseb bil-fatt li li d-dejn tal-Unjoni qed jibqa' jiżdied,*** u ***li sehem kbir ta' din iż-żieda huwa dovut għall-istrument ta' rkupru temporanju NGEU***; ***jinsab imħasseb li d-dejn akbar u l-kostijiet tal-imgħax assoċjati ogħla se jkollhom konsegwenzi fit-tul fuq l-istabbiltà fiskali tal-UE, u li potenzjalment iwasslu għal pressjoni finanzjarja akbar u kapaċità mnaqqsa li tirrispondi għal sfidi futuri jew tinvesti f'oqsma strateġiċi ewlenin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni*** biex ***tesplora għażliet biex tnaqqas il-piż ġenerali tad-dejn***;

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
86. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal baġit modernizzat b'enfasi fuq l-infiq imġedded, xprunat mill-ħtieġa ta' ġustizzja, simplifikazzjoni akbar, piż amministrattiv imnaqqas u aktar trasparenza, inkluż f'dak li jirrigwarda d-dħul; jissottolinja li r-ribassi u l-	86. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal baġit modernizzat b'enfasi fuq l-infiq imġedded, xprunat mill-ħtieġa ta' ġustizzja, simplifikazzjoni ***u diġitalizzazzjoni*** akbar, piż amministrattiv imnaqqas***, protezzjoni kontra l-frodi*** u aktar trasparenza, inkluż f'dak li

korrezzjonijiet eżistenti jiskadu awtomatikament fi tmiem il-QFP attwali;	jirrigwarda d-dħul***; jirrimarka li s-simplifikazzjoni ma tistax tinkiseb għad-detriment tal-attivitajiet ta' kontroll u ta' rappurtar u għandha timxi id f'id ma' sistemi effiċjenti għall-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-frodi;*** jissottolinja li r-ribassi u l-korrezzjonijiet eżistenti jiskadu awtomatikament fi tmiem il-QFP attwali;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
88. Jenfasizza l-impenn tal-Parlament li jwettaq ir-rwol tiegħu b'mod sħiħ matul il-proċess kollu; jemmen li t-tfassil tal-QFP għandu jkun minn isfel għal fuq u bbażat fuq l-involviment estensiv tal-partijiet ikkonċernati; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa ta' djalogu strateġiku fost it-tliet istituzzjonijiet fit-tħejjija għall-proposti tal-QFP;	88. Jenfasizza l-impenn tal-Parlament li jwettaq ir-rwol tiegħu b'mod sħiħ matul il-proċess kollu; jemmen li t-tfassil tal-QFP għandu jkun minn isfel għal fuq u bbażat fuq l-involviment estensiv tal-partijiet ikkonċernati ***u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti kollha***; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa ta' djalogu strateġiku fost it-tliet istituzzjonijiet fit-tħejjija għall-proposti tal-QFP; ***jisħaq li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE involuti fin-negozjati tal-QFP iridu jiżguraw standards ta' trasparenza għoljin u obbligu ta' rendikont;***

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	18.3.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 6 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Aftias, Arno Bausemer, Gilles Boyer, Olivier Chastel, Caterina Chinnici, Tamás Deutsch, Dick Erixon, Daniel Freund, Gerben-Jan Gerbrandy, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Virginie Joron, Kinga Kollár, Giuseppe Lupo, Marit Maij, Claudiu Manda, Csaba Molnár, Fidias Panayiotou, Jacek Protas, Julien Sanchez, Jonas Sjöstedt, Carla Tavares, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Grapini, Erik Marquardt, Bert-Jan Ruissen, Annamária Vicsek
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Andrzej Halicki, Valentina Palmisano, Georgiana Teodorescu

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

22	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu
NI	Fidias Panayiotou
PPE	Georgios Aftias, Caterina Chinnici, Andrzej Halicki, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Jacek Protas, Tomáš Zdechovský
Renew	Gilles Boyer, Olivier Chastel, Gerben-Jan Gerbrandy
S&D	Maria Grapini, Giuseppe Lupo, Marit Maij, Claudiu Manda, Csaba Molnár, Carla Tavares
The Left	Jonas Sjöstedt
Verts/ALE	Daniel Freund, Erik Marquardt

6	-
ECR	Dick Erixon
ESN	Arno Bausemer
PfE	Tamás Deutsch, Virginie Joron, Julien Sanchez, Annamária Vicsek

2	0
PPE	Kinga Kollár
The Left	Valentina Palmisano

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni